



2024/1516

13.6.2024

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE NRU 318/2023

tat-8 ta' Diċembru 2023

li temenda l-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE [2024/1516]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 244/2012 tas-16 ta' Jannar 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija billi jistabbilixxi qafas ta' metodoloġija komparattiva għall-kalkolu tal-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment enerġetiku tal-bini u tal-elementi tal-bini (¹) se jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Minħabba l-ispeċifitajiet tal-istokk tal-bini relativament reċenti u uniformi tal-Iż-żlanda, intlaħaq qbil dwar eżenzjoni temporanja u kondizzjoni mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, skont id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 135/2022 tad-29 ta' April 2022 li temenda l-Anness IV (L-Enerġija) tal-Ftehim ŻEE. Din l-eżenzjoni tapplika għad-Direttiva 2010/31/UE kif kienet fis-seħħ qabel l-emenda bid-Direttiva (UE) 2018/844 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) Nru 244/2012 ma jaapplikax għall-Iż-żlanda. L-eżenzjoni hija strettament limitata fīż-żmien u jenħtieġ li tapplika biss sakemm isir qbil dwar l-inkorporazzjoni tad-Direttiva 2010/31/UE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/844 fil-Ftehim dwar iż-ŻEE. Ftehim jenħtieġ li jitqies li ntlaħaq ladarba d-Direttiva 2010/31/UE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/844 tkun għet inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness IV għall-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 17 (id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IV tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

- ”17a. **32012 R 0244:** Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 244/2012 tas-16 ta' Jannar 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija billi jistabbilixxi qafas ta' metodoloġija komparattiva għall-kalkolu tal-livelli kostottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment tal-bini u tal-elementi tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 81, 21.3.2012, p. 18).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Ir-Regolament ma għandux jaapplika għall-Iż-żlanda.”

Artikolu 2

It-test tar-Regolament Delegat (UE) Nru 244/2012 bil-lingwa Iż-żlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea, għandu jkun awtentiku.

¹ ĠU L 81, 21.3.2012, p. 18.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Diċembru 2023, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Pascal SCHAFHAUSER

(*) L-ebda ġtiġijiet kostituzzjonali m'huma indikati.